

Brussell, 10 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16770/24

FISC 271
ECOFIN 1491

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Ungeriża

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), approvati mill-Kunsill fl-4067 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

**dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
matul il-Presidenza Ungeriża**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JIRRIKONOXXI l-impatt pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-isforzi tal-Grupp fil-mitigazzjoni tal-prattiki dwar it-taxxa dannużi, li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-reġimi tat-taxxa preferenzjali kemm fl-UE kif ukoll fil-livell dinji;
2. JESPRIMI APPREZZAMENT għall-isforzi tal-Grupp u d-dedikazzjoni tal-President tiegħu matul il-mandat tagħha fl-avvanz tal-obiettivi deskritti fil-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) u JINKORAĠĠIXXI lill-Grupp biex ikompli l-ħidma siewja tiegħu;
3. JAPPROVA r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokumenti ST 16328/2024 + ADD 1-7;
4. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-istatus quo li qabel dwarhom il-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bis-sorveljanza tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar; JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-effetti reali tal-miżuri individwali kif maqbula mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp biex ikompli jissorvelja l-miżuri individwali;
5. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx f'Ottubru 2024; IHEĠĠEGĠ lill-Grupp iżomm djalogu effettiv mal-ġurisdizzjonijiet, kif ukoll monitoraġġ u skrinjar, biex jappoġġa l-konformità tagħhom mal-kriterji tal-elenkar tal-UE u t-twettiq tal-impenji sal-iskadenza miftiehma;

6. JILQA' l-adattament mill-Grupp tal-monitoraġġ futur għall-kriterju 1.2 fil-kuntest tal-qafas il-ġdid ta' monitoraġġ u rieżami tal-Forum Globali dwar it-trasparenza tat-taxxa; JIRRIKONOXXI l-monitoraġġ kontinwu tal-ġuriżdizzjonijiet rilevanti li ma jimponux taxxa jew dawk li jimponu biss taxxa nominali fir-rigward tal-progress li għamlu fl-implimentazzjoni tal-qafas legali dwar l-Impriżi ta' Investiment Kollettiv skont il-kriterju 2.2; JIRRIKONOXXI l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-kriterju 3.2 għall-ġuriżdizzjonijiet li ssieħbu fil-Qafas Inklusiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fl-1 ta' Jannar 2018 u t-talba għal impenn mill-ġuriżdizzjonijiet ikkonċernati;
7. JILQA' l-ħidma fuq l-indikaturi tal-għażla xierqa għal modifiki futuri tal-ambitu ġeografiku tal-lista tal-UE;
8. JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju ta' trasparenza;
9. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza tal-Polonja.